Kitba ta' **Dr. Ugo Mifsud Bonnici**

# *Il-Kanonku Dun Edward Zerafa*

F'Bormla tas-snin ta' wara l-gwerra 1939-45, meta l-Bormliżi reġgħu lura minn fejn kienu marru refuġjati, Dun Edward Zerafa kien simbolu ta' kontinwità maż-żminijiet koroħ, u tama għall-ġejjieni. Kien għadu relattivament żagħżugħ, speċjalment meta mqabbel mal-Kanonċi l-oħra: Dun Dumink u Dun Karm Cutajar, Dun Alwiġ Abela, Dun Mari, u tant figuri oħra sbieħ tal-kolleġġjata tagħna fis-sena li erġajna bdejna nqumu mill-ħerba. Kont tarahom għaddejjin fil-purċissjonijiet, isebbħu triq u jġibu suġġizzjoni. Dun Ġorġ Abela u Dun Edward Zerafa kienu jidhru u kienu iktar żgħażagħ, u kienu wkoll jagħmluha maż-żgħażagħ. Dun Edward kellu fama li ma jarahiex bi kbira biex jidħol għand *il-midinbin*. U kien iqarar saħansitra barra, is-suq ta' isfel, jew anke qed jippassiġġja x-Xgħajra.

Kien jiġi għandna d-dar biex iqarar lil missieri, li kien milqut minn *ictus* ċerebrali, u la kien jista' jimxi u lanqas jitkellem sewwa. Kieku ma kienx bniedem ta' umur tajjeb kull qrara kienet tkun għalih traġedja. Ġieli ħareġ minn fejn missieri jibki għaliex ikkomova ruħu meta rah isib tant diffikultà biex ilissen kelma. Kellu mħabba kbira għal missieri u għall-familja kollha. Aktarx però, kien jgħinu billi jissuġġerilu xi nuqqasijiet li kien jimmaġina li seta' kkommetta; xi nuqqas ta' paċenzja, xi rabja magħna talli ma obdejniex mill-ewwel lill-mamà. Allura l-qrara kienet tieħu forma verament allegra, għaliex Dun Edward kien l-ewwel jagħmel il-prova bina preżenti, u jgħid lill-papà biex ma jirrispondix, bis-sinjali l-iktar, sakemm noħorġu aħna mill-kamra. Imbagħad jagħlaq il-bieb u jkellmu waħdu. U jagħtih l-assoluzzjoni.


*Dun Edward Zerafa*

Il-parroċċa tagħna kellha dak iż-żmien tama kbira fil-futur tiegħu. Meta għaddew il-ġranet iebsa tal-bombi u l-ġuħ, li kienu

dahhlu f'qoxrithom lil ħafna nies, kien hemm min issa ħassu liberat u ried jixxala. F'daqqa waħda donnu ħareġ gelgul ta' xenqa għall-ħajja, għat-tgawdija. Għeb ir-rażan tal-biża'. U din il-liberazzjoni ġiebet magħha eċċessi. Dun Edward kien kapaċi jwaqqaf lil min se jaqbad toroq foloz. U jipprova jġibu lura. Bla għerra, arroganza, jew ċanfir ta' rabja. Kien preżenti kullimkien: Santa Liena, il-Polvrista, is-Suq, ix-Xgħajra.

Imbagħad f'ħakka ta' għajn, marda mhix twila, qerditu. Niftakar liz-ziju Wenzinu mnikket, jagħtina l-aħbar. U l-luttu kbir li sarlu f'Bormla.


*Have a musical Christmas*
*this year with P. Xuereb, the shop*
*for all your music and stationery requirements*

percussion, string, woodwind, brass, keyboard instruments and accessories, a wide range of music books, school and office stationery




P. Xuereb
Music & Stationery

5, Old Church Street, B'Kara Tel: 21 496259, 21 372797, 7978 4496

Laurence's Jewellery

**For the largest Selection of Gold Jewellery,**
**Silver, Alpacca Frames,**
**Gold & Silver Repairs**
**Gold Plating**

15, Ninu Cremona Street, Paola
*(corner with Paola Square)*
Tel: 21 662733

**IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD**